# Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# It-Tnejn 13 ta' Ġunju 2011

## Il-Malti: Il-Qari

## Il-Marki: 30 marka

## Il-Ħin: 50 minuta

## L-Ewwel Taqsima (10 marki)

**Aqra dan ir-reklam u wara aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

# "Ta' Patist"

## L-aqwa forn ġo Ħal Qormi



**Bil-kumdità kollha u minn post wieħed issib tixtri:**

- ħobż tal-Malti frisk u maħdum b'sengħa tradizzjonali minn Ġorġi, sid il-forn;
- kull xorta ta' ħobż ieħor bħal ftajjar, bziezen, panini, kif ukoll ħobż imqatta' abjad u ismar;
- kull xorta ta' pasti, kejkijiet u ħlewwiet għal mat-te;
- għaġina tal-pizza u tat-torti.

Il-forn jiftaħ mill-ħamsa ta' filgħodu sal-għaxra ta' billejl matul il-ġimgħa kollha, minbarra t-Tnejn filgħodu.

Kull nhar ta' Ħadd, Ġorġi l-furnar jaċċetta d-dixxijiet għax-xiwi, sa mhux aktar tard mit-tmienja ta' filgħodu.

**A. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba. (3 marki)**

**L-ewwel waħda lesta.**

1. Dan li qrajt huwa (invit, **<u>reklam</u>**, programm, artiklu).
2. Il-forn imsemmi fir-reklam huwa ta' raġel jismu (Patist, Ġorġi, Battista, Ġanni).
3. In-nies jistgħu jixtru (l-għaġin, l-għaġina, t-tortellini, l-pizza) mill-forn ta' Ħal Qormi.
4. Il-forn ma jiftaħx (il-Ġimgħa, il-Ħadd, it-Tnejn, l-Erbgħa) filgħodu.

**B. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba.**

**L-ewwel waħda hija eżempju. (4 marki)**

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Il-forn "Ta' Patist"** | | in-nies isibu jixtru kollox minn post wieħed. |
| 2. | Barra l-ħobż, il-furnar | | jaħmi l-ħobż Malti b'sengħa tradizzjonali. |
| 3. | Mill-forn tista' tixtri | | ibigħ ukoll il-pasti u l-ħelu. |
| 4. | Fir-riklam, tal-forn jiftaħar li | | kwalitajiet differenti ta' ħobż. |
| 5. | Il-forn huwa komdu għax | **1** | **jinsab f'Ħal Qormi.** |

**Ċ. Imla l-vojt billi ssib il-kelma t-tajba mir-reklam. (3 marki)**

1. Il-forn ibigħ ħobż imqatta', kemm abjad kif ukoll ____________________.
2. Il-forn idum miftuħ sal-____________________ ta' billejl.
3. Il-Ħadd ____________________ sat-tmienja, in-nies jistgħu jieħdu l-ikel biex isajruh il-forn.

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

*L-Ewwel Parti*

### IL-ĦBIEB TA' TAMARA



Issa ilha xahrejn tgħix Malta. Kellha tagħmel vjaġġ iebes fuq il-baħar, imma issa għadda kollox b'wiċċ il-ġid. Tamara qed tipprova tgħix il-ħajja normali ta' tifla ta' tnax-il sena. Hija toqgħod fiċ-ċentru għar-refuġjati flimkien ma' missierha. Quddiem iċ-ċentru hemm ġnien kbir u fih hemm grawnd żgħir tal-futbol. Tamara kuljum tara ***daqs nofs tużżana tfal,*** subien u bniet, jilagħbu l-ballun u jiġru flimkien. Tixtieq ħafna li taqsam it-triq u tmur tkellimhom biex tagħmel ħbieb magħhom. Imma tibża' li jkeċċuha. *(par. 1)*

L-uniku ħabib li għandha huwa Robbie, l-għasfur tal-bejt. Ta' kuljum jersaq f'ħoġor it-tieqa jnaqqar il-frak tal-gallettini jew tal-ħobż li bdiet tpoġġilu Tamara. Waqt li l-għasfur joqgħod jiekol, Tamara tersaq inkiss inkiss qrib it-tieqa. Għall-ewwel, l-għasfur kien jitgerrex u jtir ftit 'il bogħod. Iżda ma tantx kien idum ma jerġa' lura fil-ħoġor tat-tieqa u jkompli jnaqqar. Tamara u Robbie malajr saru ħbieb u l-għasfur dera lil Tamara viċin tat-tieqa, filwaqt li Tamara ta' kuljum tpoġġilu x'jiekol u toqgħod tistennieh. *(par. 2)*

Madanakollu, Tamara tixtieq li jkollha ħbieb ġodda bħalma kellha qabel. Hija trid ħbieb li tista' toqgħod titkellem jew tilgħab magħhom fil-ġnien. Tamara tixtieq ħbieb li tkun tista' tmur magħhom l-iskola u li jgħinuha fix-xogħol li jagħtuha l-għalliema. Imma kif u fejn ser issibhom dawn il-ħbieb? *(par. 3)*

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ( ✓) fil-kaxxa. (7 marki)**

1. Tamara kienet toqgħod

☐ fid-dar t'ommha u ta'missierha.
☐ fiċ-ċentru għar-refuġjati.
☐ fiċ-ċentru tal-kappillan.

2. Quddiem iċ-ċentru kien hemm

☐ ġnien kbir u grawnd żgħir.
☐ ġnien żgħir u grawnd kbir.
☐ il-baħar.

3. Mit-tieni paragrafu sib il-kelma li toqgħod fil-vojt ta' dawn is-sentenzi.

a. Robbie, il-ħabib ta' Tamara, kien ______________.

b. Tamara kienet tqiegħed il-frak tal-ikel lil Robbie f'______________it-tieqa.

4. Aqleb in-numru fi kliem u iktbu fil-vojt tas-sentenza li ġejja.

Tamara tefgħet lil Robbie **(3)** _______________ farkiet tal-ħobż.

5. Aqta' linja taħt il-partiċella li hemm f'din is-sentenza.

It-tifla reġgħet bdiet tgħix il-ħajja normali ta' tifla.

6. Aqleb fil-maskil.

" ... ma kellhiex ħbieb." ____________________________

**Kompli aqra l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

## IL-ĦBIEB TA' TAMARA

### *It-Tieni Parti*



Jum minnhom, Tamara kienet aljenata wara t-tieqa tħares lejn Robbie jiekol. "Qisek ilek ma tiekol ġimgħa, x'ġuħ għandek, Rob," qaltlu minn taħt l-ilsien. F'dak il-ħin, nebħa qawwija ta' kelb tant ħasdet lil Tamara li kważi ħabtet rasha mal-ħġieġa. Robbie tar imwerwer għal fuq l-ogħla fergħa li sab fil-qrib. X'ħin ħarset 'il barra, Tamara rat ***biċċa ta' kelb daqsiex***. Dan kien marbut b'ċinga miżmuma minn tifel li deher ixejrilha, donnu jrid ikellimha. Għall-ewwel lanqas riedet temmen lil għajnejha. Iżda wara li ħasbitha ftit, inqalgħet minn fejn kienet u ħarġet tiġri barra. *(par. 4)*

"Kif inti? Jien Saviour u noqgħod xi żewġ bibien bogħod miċ-ċentru fejn toqgħod inti. Rajtek kemm-il darba waħdek wara dik it-tieqa, tiċċassa 'l barra. U llum xtaqt inkellmek ftit," tbissmilha dak it-tifel waqt li beda jġebbed il-kelb li kien il-ħin kollu jifraħ u jogħla ma' Tamara. "U jien jisimni Tamara. Issa ilni xahrejn noqgħod fiċ-ċentru. Fit-tieqa mhux niċċassa nkun, imma nħares lejn Robbie. Robbie huwa għasfur ħabib tiegħi u nagħtih jiekol kuljum," wiġbitu Tamara, li xejn ma għoġbitha l-kelma 'tiċċassa'. *(par. 5)*

Wara waqfa ta' skiet Saviour kiser is-silenzju u qal: "Għandek x'tagħmel bħalissa? Tridx tiġi miegħi passiġġata bil-kelb sal-ġnien? Donnu Rex irid isir ħabib tiegħek għax arah x'jifraħ u jferfer denbu!" "Iva, iva ... dażgur li niġi," qalet Tamara ferħana, fil-ħin li mellset ras Rex. "Tista' tistennieni ftit kemm ngħid lil missieri li sejra sal-ġnien ma' żewġt iħbieb ġodda? " qaltlu Tamara, li sparixxiet mill-ewwel minn quddiemu. *(par. 6)*

F'ħakka t'għajn, Tamara reġgħet kienet ħdejn Saviour u Rex u t-tlieta flimkien irħewlha bil-pass il-pass lejn il-ġnien. Tamara bdiet tirrakkonta lil Saviour dwar ħajjitha u kif spiċċat Malta mis-Somalja. Min-naħa tiegħu, Saviour ħa gost li għamel ħabiba ġdida u li rnexxielu jferraħ persuna oħra. *(par.7)*

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:** **(7 marki)**

1. X'ħasad lil Tamara meta kienet wara l-ħġieġa tara lil Robbie jnaqqar ? *(par.4)*

___________________________________________________________

___________________________________________________________

2. Għaliex Tamara ħadet għaliha bil-kliem li qalilha Saviour ? *(par. 5)*

___________________________________________________________

___________________________________________________________

3. Għaliex taħseb li Saviour ried ikellem lil Tamara ? *(par. 7)*

___________________________________________________________

___________________________________________________________

4. Għal min qed jirreferu?

***Eżempju**:* tifel li deher ixejril**ha** – **ha** tirreferi għal **Tamara.**

a) qaltl**u** minn taħt l-ilsien *(par. 4)* - **u** tirreferi għal ___________.

b) sal-ġnien magħ**hom** *(par. 6)* – **hom** tirreferi għal __________ u __________.

5. Mis-sitt paragrafu sib kelma oħra li tfisser l-istess bħal:

mixja - ___________________

**Ċ. Aħdem dawn il-mistoqsijiet billi żżomm f'moħħok iż-żewġ partijiet tal-istorja.**

**(6 marki)**

1. Fisser fi kliemek dawn l-idjomi.

a) *"daqs nofs tużżana tfal" (par.1)*

_______________________________________________ (marka waħda)

b) *"biċċa ta' kelb daqsiex" (par.4)*

_______________________________________________ (marka waħda)

2. Għaliex taħseb li Tamara kienet qed issibha diffiċli biex ikollha l-ħbieb ?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

3. Semmi kwalità tajba li Saviour u Tamara t-tnejn għandhom.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

**TMIEM IL-KARTA**